# It-Tmienja u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Nagħman raġa' lura għand il-bniedem ta' Alla u stqarr lill-Mulej.*

2 Slat 5, 14-17

**Qari mit-Tieni Ktieb tas-Slaten**

F'dak iż-żmien, Nagħman, il-kmandant tal-eżerċtu tas-Sultan ta'
Aram, [14]niżel fil-Ġordan, u għodos seba' darbiet, bħalma qallu
Eliżew, il-bniedem ta' Alla, u ġismu raġa' sarlu qisu l-ġisem ta' tfajjel
żagħżugħ, u ndaf mil-lebbra tiegħu.

[15]U raġa' lura għand Eliżew, il-bniedem ta' Alla, hu u kull min kellu
miegħu; daħal, waqaf quddiemu u qallu: «Ara, issa naf, iva, li ma
hemmx Alla ieħor fid-dinja kollha, ħlief f'Iżrael. Ilqa', nitolbok, dan
ir-rigal mingħand il-qaddej tiegħek.» [16]U qallu Eliżew: «Daqs kemm
hu ħaj il-Mulej li lilu naqdi, jien ma nieħu xejn.» U ma ħadhulux,
għad li l-ieħor issikkah ħafna.

[17]Għalhekk Nagħman qallu: «La ma tridx, nitolbok li tingħata
lill-qaddej tiegħek tagħbija ta' żewġ bgħula ħamrija; għax il-qaddej
tiegħek mhuwiex se jagħmel iżjed sagrifiċċji tal-ħruq u offerti lil allat
oħra, jekk mhux lill-Mulej.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 97 (98), 1.2-3ab.3ċd-4

R/. (ara 2b): Il-Mulej għarraf is-salvazzjoni lill-ġnus

1 Għannu lill-Mulej għanja ġdida,
għax għamel ħwejjeġ tal-għaġeb.
Ġibitlu r-rebħa l-leminija tiegħu,
u d-driegħ imqaddes tiegħu. R/.

2 Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu,
f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu.
3 Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu
mal-poplu ta' Iżrael. R/.

L-art kollha, minn tarf għall-ieħor,
rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.
4 Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha,
infexxu fil-hena, ifirħu u għannu! R/.





## Qari II

*Jekk insofru bis-sabar, għad insaltnu ma' Kristu.*

2 Tim 2, 8-13

**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**

Għażiż, 8 ftakar f'Ġesù Kristu,
li qam mill-imwiet,
li hu min-nisel ta' David,
skont l-Evanġelju li ħabbart jien.
9 Għalih jien qiegħed inbati
sa l-irbit tal-ktajjen bħallikieku għamilt xi delitt.

Imma l-kelma ta' Alla mhijiex marbuta!
10 Għalhekk kollox nieħu bis-sabar għall-imħabba ta' dawk li Alla
għażel, biex huma wkoll jiksbu s-salvazzjoni, li hi ta' glorja għal
dejjem fi Kristu Ġesù.

11 Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha:
Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll;
12 jekk insofru bis-sabar, għad insaltnu miegħu wkoll;
jekk niċħduh, jiċħadna hu wkoll;
13 jekk nonqsu mill-kelma li tajna, hu jibqa' jżomm kelmtu;
għax hu ma jistax iqarraq bih innifsu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

1 Tess 5, 18

Hallelujah. R/. Hallelujah
Iżżu ħajr lil Alla f'kollox.
Dan hu li jrid Alla mingħandkom fi Kristu Ġesù.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

***Ma kien hemm ħadd minnhom li raġa' lura biex jagħti glorja lil Alla ħlief dan il-barrani.***

Lq 17, 11-19

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa**

11Ġara li huwa u sejjer lejn Ġerusalemm, Ġesù għadda minn bejn
is-Samarija u l-Galilija.

12Kif kien dieħel f'raħal, iltaqgħu miegħu għaxart irġiel morda
bil-lebbra. Waqfu 'l bogħod minnu, 13għollew leħinhom u qalulu:
«Ġesù, mgħallem, ikollok ħniena minna!» 14Kif rahom, qalilhom:
«Morru uru rwieħkom lill-qassisin.» U ġara li, huma u sejrin, fiequ
mill-marda tagħhom.

15Wieħed minnhom, kif ra ruħu mfejjaq, raġa' lura jgħajjat u jfaħħar
lil Alla, 16inxteħet wiċċu fl-art f'riġlejn Ġesù u raddlu ħajr. Issa dan
kien Samaritan. 17U Ġesù qabad u qal: «Mhux l-għaxra fiequ
mil-lebbra? Fejn huma d-disgħa l-oħra? 18Ma kien hemm ħadd
minnhom li raġa' lura biex jagħti glorja lil Alla ħlief dan il-barrani?»
19Imbagħad qallu: «Qum, mur; il-fidi tiegħek salvatek.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu